MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Numru 224/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri u Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Carmel Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmel Zammit ID 723758 (M) bin il-mejjet Nicholas u Antonia nee' Borg imwieled Ħal-Qormi fid-9 ta' Novembru 1958 u residenti 150 Triq San Bartolomew Qormi

Akkużat talli

a) F'Mejju 2002 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer assoċja ruħu ma' persuna f'Malta bil-għan li tagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija u cioe' frodi

għad-dannu tal-Kumpannija assikuratriċi Citadel Inusrance Plc;

b) F'Mejju 2002 u fix-xhur ta' wara, b'xi mod kontra l-Liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabeix iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila seta' fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex tqanaqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qligħ ta' aktar minn elf lira bi ħsara ta' ħaddieħor għad-dannu tal-Kumpanija tal-assigurazzjoni Citadel Insurance Plc;

ċ) Fil-25 ta' Mejju 2002 għall-ħabta tat-8.30 pm iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat illi kien jaf li ma seħħx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li setgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar u dan billi għamel rapport lill-Pulizija ta' serq ta' vettura għamla Peugeot 306 numru tar-reġistrazzjoni CAL 306 meta filfatt kien jaf li dan is-serq ma seħħx.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 7237 tal-1958, il-fedina penali tal-imputat, ir-rikors (flimkien mad-dokumenti) sabiex is-soċjeta' tal-assigurazzjoni Citadel tkun tista' tieħu l-karozza CAL 306, ir-risposta tal-imputat li mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih, il-current incident report fejn jidher ir-rapport magħmul mill-imputat fid-21.30 tal-25 ta' Mejju 2002 (fol 32) (ripetut a fol 70) dwar l-allegat serq tal-Peugeot CAL 306 mill-bus terminus ta' Birżebbuġa, l-istqarrija ta' Alexander Cassar (fol 39) u dik tal-imputat (fol 42), id-dokument tal-ADT (fol 47), l-artikoli tal-Avukat Ġenerali (fol 88), id-dikjarazzjoni tal-imputat li reid jibqa' quddiem din l-istess Qorti (fol 85) u r-ritratti ppreżentati mill-imputat (fol 119).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Il-fatti huma dawn.  Ċertu Mario Mifsud kien xtar l-karozza CAL 306 Peugeot minn għand ċertu Alexander Cassar. Dan tal-aħħar wiegħed li jagħti l-pjanċi lil Mario Mifsud meta Mario Mifsud ikun ħallas kollox.

Iżda dawn il-pjanċi tan-numri ma ngħatawx.

Meta l-Pulizija marrru fuq il-post sabu li mix-chassis number din il-karozza kienet suppost tgħajjat lil Carmel Zammit.

Din il-karozza kienet rappurtata minn Carmel Zammit stess fil-25 ta' Mejju 2002. Il-karozza llum tinsab fil-compound tal-Pulizija.

Il-Pulizija ntraċċaw lil Alexander Cassar u proċessat u ġudikat.

**Il-Prosekuzzjoni ppreżentaw l-istqarrija ta' Alexander Cassar iżda l-Qorti qed tiskarta din l-istqarrija għaliex skond il-Liġi din ma tagħmilx prova fil-konfront ta' ħadd ieħor.**

Meta l-Ispettur Marisa Camilleri kellmet lill-imputat, għall-ewwel dan kien qal li lanqas kien jaf lil Alexander Cassar.(fol 29) Imbagħad l-imputat kien qal li kien jafu għax kein jaħdem f'garaxx qrib tiegħu.

Is-Citadel Insurance kienu nfurmaw lill-Ispettur li kienet saret claim fuq il-karozza u filfatt kien sar pagament ta' Lm4800.

Skond l-Ispettur Alexander Cassar kellu struzzjonijiet eżatt fejn kienet ser tkun ipparkjata l-karozza u minn fejn għandu jiġborha.  Il-karozza kellha tinsteraq minn Birżebbuġa. Il-kaorzza kellha titqattgħa u ma tibqax tingħaraf.  (fol 31).

L-imputat għamel l-istqarrija tiegħu fit-3 ta' Diċembru 2006.  Huwa qal li l-Peugeot 306 saloon blue kienet tiegħu. Lil Alexander Cassar kien għaddielu biċċa xogħol bħala sprayer.  L-imputat qal li seta' kein l-imputat li ħadlu

t-tieni karozza u għalhekk kien beigħ il-garage. L-imputat żied jgħid li dak in-nhar li nsterqetil-karozza hwua kein ġo Birżebbuġa ġo ħanut. Huwa nnega li kien sar xi diskors bejnu u bejn Alexander Cassar li l-imputat ried ineħħi l-karozza. Huwa nnega li rid jieħu xi flus minn għand l-insurance.

Imbagħad l-imputat kien mistoqsi
:

'M: Kif tispjega li Alex kellu ċavetta tal-Peugeot tiegħek?
*T: Ma nafx, Jien qatt ma tajt iċ-ċwievet lil ħadd.'*

Huwa żied jgħid dan il-kliem:

*'Jien qatt ma tajt ċwievet ta' dik il-vettura u li kelli kont tajthom lill-Insurance. Dawn kienu tnejn. Tagħha u l-ispare key.*

L-imputat qal li ġieli kellu l-karozza barra l-garage biċ-ċavetta fiha. Pero' dejjem kien sabha hemm.

**Xhieda Oħra tal-Prosekuzzjoni**

Brian Farrugia, rappreżentant tal-Malta Transport Authority kkonferma li l-karozza in kwistjoni kienet reġsitrata f'isem l-imputat. (fol 45). Kienet rappurtata li nsterqet fil-25 ta' Mejju 2002.

**Xehed ukoll PS 487 Ruben Balzan li qal x'kien qallu Alex Cassar (fol 49) iżda l-Qorti mhix tistrieħ fuq x'qal dan ix-xhud minħabba li din l-evidenza hija hearsay evidence.**

Xehed Mario Mifsud li qal li ma kienx jaf li l-karozza kienet mingħajr numri għax hu kien xtraha bil-pjanċi (fol 52). Huwa kien xtara l-Peugeot 306 CAL 306 minn għand Alexander Cassar li kien ħadlu l-pjanċi u qallu li x'ħin iħallsu kien jagħtih il-pjanċi (fol 53). Mario Mifsud kien ħalals Lm650 u fl-aħħar dan Alexander Cassar kienq allu li l-pjanċi kienu ggaraxxjati. It-transfer ma kienx sar. Il-Peugeot ma kienx joħorġu għax kien mingħajr pjanċi.

Imbagħad kien fittex lil Alex Cassar bil-Qorti (Il-Proċeduri saru fil-Qorti Kriminali għalkemm kien hemm kawża pendenti fil-Qorti Ċivili).

Xehed ukoll Mark Mifsud Saydon, Assistant Manager ma' Citadel Insurance li kkonferma li l-karozza Peugeot 306 CAL 306 kienet inxurjata magħhom u li huma kien ħallsu s-somma ta' Lm4700. (fol 62) wara li kien allegat li kienet isnterqet fil-25 ta' Mejju 2002. Ir-rapport kien sar fis-27 ta' Mejju 2002.

Xehed PC 1059 Joe Abdilla li kkonferma li kien sari r-rapport dwar is-serq tal-karozza fil-25 ta' Mejju 2002. (fol 68).

Xehed Alex Cassar li qal li kien jaħdem mal-imputat li ried ibiegħ il-karozza iżda tawh fit. Lil dan ix-xhud l-imputat kien qatagħlu ċavetta u x-xhud mar ġab il-karozza minn Birżebbuġa minn fejn l-istejġ tal-linja. Il-ftehim kien sar sabiex l-imputat seta' l-flus mill-insurance waqt li x-xhud seta' jeħodha għall-parts. (fol 75). Ix-xhud waddabha ġo garaxx ta' ħabib tiegħu. Ġie wieħed jaraha u riedha. Ix-xhud kein qallu lib la number plates. Dan ried jeħodha u jkissirha u kien bigħhielu Lm400. Wara ried in-numru biex isir transfer u kien hawn li l-Pulizija bagħtu għal dan ix-xhud. Iċ-ċavetta li tah l-imputat kienet ilha għandu xi ħmistax (fol 76). Huwa kien biegħ il-karozza lil ċertu Mario minn Ħal-Kirkop. Il-Ħadd filgħodu kien iltaqa' mal-imputat l-għada tal-allegat serqa ġwewwa Ħal-Far. Ix-xhud kien għarraf lill-imputat li l-karozza kienet ġewwa. L-imputat kien ħallslu żewġ fliexken birra. (fol 78).

## Xhieda Difiża

Mario Mifsud (fol 92) kkonferma li kien insista biex Alex Cassar jagħtih il-pjanċi. Huwa qal li dawn il-pjanċi xorta ma waslux. Huwa ċaħad li Alex Cassar kien qallu li l-karozza kienet misruqa jew li x-xhud kellu jixtriha bħala scrap. Il-karozza kien xtraha għalih innifsu. (fol 93). Ix-xhud qal ukoll li kien jaf li l-karozza kienet imbagħbsa ma

kienx jidħol fi trouble. Huwa qal li l-karozza kien xtraha bil-pjanċi u kif kien ser idaħħalha fil-bitħa Alex Cassar qallu li l-pjanċi kien ser jeħodhom. Ix-xhud qal ukoll li ma kienx xtara l-karozza biex iżarmaha.

Xehdet l-Ispettur Marisa Camilleri li kkonfermat li ma kienu ttieħdu ebda passi kontra Mario Mifsud għax dan kien in buona fede meta xtara l-karozza minn għand Alex Cassar.

Xehed l-imputat Carmel Zammit a fol 105. Huwa qal li huwa kellu xogħol ta' pjanċi, ħadid u stainless steel. Huwa kein xtara l-Peugeot ġdida u baqgħet ġdida għax kein joħroġ biha bil-familja nhar ta' Ħadd. Dak in-nhar tas-serqa huwa kien mar mal-familja tiegħu f'ħanut Birżebbuġa. Kieku ried jagħmel xi ħaġa bil-karozza tiegħu kien jaqbad u jqattagħha. (fol 109). Lil Alexander Cassar ġieli tah xi xogħol u darba minnhom għamel xi ġimgħa jaħdem fil-garage tal-imputat. Meta kienet insterqet il-karozza l-oħra ddeċieda li jitfgħu 'l barra. Iċ-ċwievet kienu jkunu fil-karozza stess fil-garaxx fejn kien ħalla jaħdem lil Alex Cassar. Huwa qal li mets nsteraq il-Peugeot ma kellux suspett F'CAssar iżda meta nsterqet il-kaorzza l-oħra kellu suspett f'dan Cassar. L-imptutat ma kellux problemi ta' flus fuq il-karozza u lanqas ta' xi dejn. L-imputat qal li qatt ka kein semma li ried jeħles mill-karozza.

Fl-aħħarnett xehdet il-mara tal-imputat li qalet li l-Peugeot kienet ilha għandhom xi ħames snin. (fol 126). Huma kienu pparkawha f'Birżebbuġa. Imbagħad ma sabuhiex. Huma kienu jiddeċiedu fejn ser imorru qabel ma joħorġu. Il-karozza kienet ipparkajta tajjeb.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Id-difiża ssottomettiet li peress li hemm konflitt tal-provi allura l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ kontra l-imputat.

Ma' dan l-argument il-Qorti ma taqbel xejn. Meta hemm konflitt tal-provi, il-Qorti għandha tara tistax tirrisolvieh billi tara liema verżjoni hija l-aktar attendibbli. Bir-rispett kollu l-Qorti temmen il-verżjoni ta' Alexander Cassar u mhux

lill-imputat li beda jigdeb mill-ewwel. Filfatt lill-Ispettur l-ewwel li kien qalilha kien li ma kienx jaf lil Alexander Cassar. Fl-istqarrija stess bdiet tinbidel il-verżjoni. Fittex jiġri jgħid li hu ċwievet qatt ma kien ta 'l ħadd. U fuq il-pedana tax-xhieda qal ukoll li saħansitra ġieli ħallieh jaħdem fil-garage tiegħu.

Alexander Cassar ma kellu ebda interess li jixhed kontra l-imputat. Mhux biss darba minnhom ma deherx iżda wkoll meta deher u xehed il-każ kontrih kien inqata'.

Barra minn dan id-dettalja mogħtija minn Alexander Cassar – dwar il-qtugħ taċ-ċavetta, il-post minn fejn kellha tinġabar il-karozza minn Birżebbuġa, u l-ftehim li kien hemm bejniethom - huma grafiċi u ta' min joqgħod fuqhom.

Mhux hekk l-imputat li ppruva jagħti l-impressjoni li, li kieku ried, kien jeħles mill-karozza billi jqattagħha biċċiet u jbiegħ il-parts. Iżda kien aktar ħafif li t-tqattigħ jagħtih lil Alexander Cassar filwaqt li huwa jiġbor kemxa flus minn għand l-Insurance.

L-imptutat qata' ċ-ċavetta żejda biex għall-insurance jidher li għandu kemm l-oriġinali (li kien saq biha) u l-kopja. Bil-kopja seta' jinqeda Alexander Cassar biex jieħu l-karozza kif kien miftiehem.

Il-karozza ma kenitx għadha 'ġdida'. Martu stess xehdet li kienet ilha 5 snin għandhom u f'ħames snin karozza ġdida tiddprezza ruħha sew. Mid-dokumenti jidher li l-Year of Manufacture kienet l-1997. Mill-insurance huwa ġabar Lm4700 waqt li hu stess qal fl-istqarrija li l-karozza kienet inxurjata għal Lm6500.

Il-Qorti rat il-komportament fuq il-pedana tax-xhieda kemm ta' Cassar kif ukoll tal-imputat. Lill-Qorti, l-imputat ma kkonviċieha xejn b'imġibtu. Filfatt ix-xhieda tiegħu kienet tirriduċi ruħha għal sempliċiment 'Ara jien naħdem fil-ħadid. Problemi ta' flus ma kellix. Kieku ridt niddisponi mill-karozza stajt neħles b'mod ħafif.'. Dawn il-punti komplew irrendew ix-xhieda tal-imputat aktar inattendibbli

u l-preżenza tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda kienet biss montatura biex b'xi mod tinnega dak li kien qal bl-aktar mod ċar u sinċier Alexander Cassar, li la kien fadallu u lanqas x'jribaħ.. Dan saħansitra qal x'ġara l-għada u semma d-dettal tal-fliexken tal-birra li rregalalu l-imputat. Il-verita' nħasset f'kull sentenza li qal Cassar.

Għalhekk il-Qorti qed tagħżel dak li qal Cassar u tqis ix-xhieda tal-imputat ***bħala għal kollox inattendibbli.***

Il-Qorti qed teddeċiedi li l-Prosekuzzjoni:

(a) ippruvat l-ewwel imputazzjoni għaliex mix-xhieda ta' Alexander Cassar jirriżulta b'mod ċar li l-imputat daħal fi ftehim ma' Alexander Cassar sabiexs dan tal-aħħar jieħu l-karozza tal-imputat minn Birżebbuġa minn fejn kien ser iħallieha l-imputat sabiex l-imputat jiġbor il-flus minn għand l-Insurance waqt li Alexander Cassar jieħu l-karozza għall-iskopijiet tiegħu;

(b) ippruvat it-tieni imputazzjoni jiġifieri dik dwar l-ingann għaliex kien l-imputat li għamel ir-rapport dwar is-serqa li kien jaf li ma saritx u kien l-imputat li tħallas minn għand l-Insurance.

(ċ) ippruvat ukoll it-tielet imputazzjoni li l-imputat għamel rapport falz dwar reat li kien jaf li ma seħħx.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 48A (1), 308, 309, 310(1)(a) u 110(2) tal-Kap 9 u l-artikoli 17(b) u 28A tal-istess Kap 9 qed issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih. Il-Qorti u qed tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal erba'

snin jekk matul dawn l-erba' snin huwa ma jwettaqx reat ieħor.

Ai fini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 l-imputat għandu fi żmien sitt xhur mil-lum jirrifondi l-flus kollha li ħa minn għand Citadel Insurance. Fil-karozza li hemm miżmuma għand il-Pulizija hemm l-interessi ta' terzi.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tkun komunikata lill-Citadel Insurance li għandha tieħu l-flus.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------